KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 15

**L-Erbgħa 30 ta' Lulju 2025**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dale Hayman – Sindku
Len Abela Vassallo – Viċi Sindku
Anton Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Simon Fenech – Kunsillier
Antoine Vella - Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Shawn Tanti – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

## 15.1 Qari tal-Apoloġiji

15.1.1 Is-SE informa li kien irċieva l-ittra tal-Kunsillier Antoine Vella u Simon Fenech.

## 15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

15.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżenta l-minuti tal-laqgħa numru 14 li kienu meqjusa moqrija

15.2.2 Il-minuti tas-seduti ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 15.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

15.3.1 Is-Sindku nforma li kienu għaddejjin ġmielhom l-preparamenti tas-serata minn Pjazza għal-Pjazza kif ukoll għal-fun games li ser isiru l-għada 30 ta' Awwissu fil-pjazza.

15.3.2 Is-Sindku nforma wkoll li issa l-vendilaturi li tqassmu lilna mir-Regjun, kienu twaħħlu kollha.

## 15.4 Segretarju Ezeluttiv

15.4.1 Is-Sindku nforma li wara li saru l-intervisti u minn ħames applikanti ġiet biss waħda, Il-Bord tal-għażla ħass li din il-persuna m'għandiex tokkupa hi l-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv u sostna li għandna nagħmlu kuntatt mad-DLG sabiex nagħrfuhom bid-deċiżjoni.

Il-Kunsilliera qabblu li dan għandu jsir.

## 15.5 Pjazza

15.5.1 Is-Sindku qal li x-xoghol fil-pjazza issa kien miexi b'rata tajba u dan kellu jingħalaq fiż-żmien li ġej. Qal ukoll li wara diveri laqgħat mal-kuntrattur ser isir xi bdil żgħir in-naħa ta' fejn hemm il-funtana.

## 15.6 Minn Pjazza ghal-Pjazza

15.6.1 Il-SE qara l-lista ta' kwotazzjonijet li l-Kunsil kien ġabar u nforma li kienet ser tintgħażel l-orħos offerta sabiex isir ix-xogħol neċċessarju.

15.6.2 Il-Kunsillier qablu ma dan.

## 15.7 Punti Ohra

15.7.1 Ma kien hemm l-ebda punt ieħor għal-din il-laqgħa.

## 15.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

15.8.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 14/2025), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Mifsud propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Viċi Sindku ssekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 15.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

15.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7:30pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 25 ta' Awwissu 2025 fis-18:15.

Dale Hayman
Sindku

Shawn Tanti
Deputat Segretarju Eżekuttiv